**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

AC (K.I. XXX), CS (K.I. XXX) u BD (K.I. XX)

*vs*

L-Avv ..............................................................

u l-P.L............................................................ maħtura Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' FB

**Rikors ta' AC, CS u BD:**

Jesponi bir-rispett,

1. Illi l-esponenti huma lkoll aħwa, ulied il-mejtin AC u P nee' B fil-waqt li huma wkoll il-werrieta taz-zija materna tagħhom CS u dan fi kwoti indaqs bejniethom;

2. Illi fost il-beni li ħalliet l-imsemmija CS hemm sehem ta' żewġ terzi indiviżi tal-fond numru XX (X) fi Triq il-XX, fil-XX u dan kif se jiġi spjegat aħjar aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors;

3. Illi ir-rimanenti sehem ta' terz indiviż mill-imsemmi beni jappartjeni lill-eredi tal-mejjet FB li miet fl-XX u li l-esponenti ma jafux min huma;

4. Illi billi l-esponenti jixtiequ jbiegħu tali beni, huma qed jipprevalixxu rwieħhom mid-dispożizzjonijiet tal-Art. 495A tal-Kap. 16 u qegħdin jirrimettu din il-materja quddiem din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi l-provenjenza tal-beni immobbli suriferiti hija kif ġej:

(i) Illi permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat XX fl-Atti tan-Nutar XX XX, G u N konjuġi X ittrasferew b'titlu ta' donazzjoni l-fond b'numru għaxra (10) fi Triq il-XX ġewwa XX lil binthom XX XX, u dan kif jidher mill-kuntratt anness u mmarkat bħala Dok. "A";

(ii) Illi din XX XX kellha ħamest ulied li waħda minnhom kien jisimha XX XX li ppremoriet lil ommha billi mietet fil-XX XX XX, xebba, improle u intestata u dan kif jidher miċ-ċertifikati hawn annessi u mmarkat Dok. "$B_1$" u "$B_2$"

(iii) Illi XX XX ħalliet dan il-wied ta' dmugħ fil-XX XX XX kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt maħruġ mill-Parroċċa tal-XX, Għawdex, hawn anness

u mmarkat Dok. "Ċ" u ħalliet testment wieħed kif jidher mid-dokument anness u mmarkat Dok. "D":

(iv) Illi permezz ta' testment fl-Atti tan-Nutar XX XX tal-XX XX XX, kopja tiegħu tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "E", XX XX lil uliedha XX, XX, XX, XX u XX *sive* XX bħala eredi universali tagħha. Stante l-premorjenza ta' XX, jsegwi li bl-akkrexximent bejniethom il-bqija tal-ulied wirtu kwart tal-eredita' ta' ommhom XX XX;

(v) Illi min-naħa 'l oħra, XX XX miet ġuvni, improle u intestat u dan kif jidher mid-dokumenti "$F_1$" u "$F_2$" u kwindi ssuċedewh ħutu XX, XX u XX sive XX aħwa XX li kwindi f'dan il-punt ilkoll kellhom terz indiviż tal-fond suriferit kull wieħed u waħda minnhom;

(vi) Illi XX *sive* XX XX li kwindi wkoll kellu $^1/_3$ tal-fond mertu tal-kawża, miet nhar id-XX kif jirriżulta miċ-ċeritifkat anness u mmarkat bħala Dok. "G" u kellu testment wieħed datat XX kif jidher mir-riċerki hawn annessi u mmarkati bħala Dok. "H";

(vii) Illi permezz ta' tali testment datat XX fl-Atti tan-Nutar XX XX D'Andria (Dok. "I"), XX *sive* XX XX ppremetta dan li ġej:

a. Illi huwa rrevoka u annulla kwalunkwe testment li seta' qatt għamel u ried li s-suċċessjoni tiegħi tiġi regolata biss skont dan it-testment;
b. Illi mill-ewwel mara tiegħu XX nee' XX, li kienet mietet madwar erbgħin sena qabel, huwa kellu tifla waħda u ċjoe XX mart XX XX;
c. Illi mit-tieni mara tiegħu XX nee' XX, li kienet mietet madwar tletin sena qabel, huwa kellu lil XX (li miet bla testment madwar erba' snin qabel id-data tat-testment u ħalla lil martu u tlitt ulied - XX, XX mart XX XX u XX mart XX XX);
d. Illi mit-tielet mara XX nee' XX, huwa kellu tnax-il ulied u ċjoe Dottor XX XX, XX XX, XX XX, XX *sive* XX XX, XX XX, XX *sive* XX XX, XX XX XX, XX XX, XX XX, XX *sive* XX XX XX, XX XX u XX XX;
e. Illi XX *sive* XX XX permezz tal-istess testment innomina u istitwixxa bħala eredi universali tiegħu lil:
    i. XX XX nee' XX f'sehem wieħed minn tmintax mhux maqsum;
    ii. XX XX (bint XX nee' XX) f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
    iii. XX XX (iben XX nee' XX) f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
    iv. XX XX (bint XX nee' XX) f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
    v. Ulied il-mejjet XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż lil kull wieħed minnhom (u ċjoe lil XX, XX mart XX XX u XX mart XX XX);
    vi. Ibnu Dottor XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
    vii. Ibnu XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
    viii. Ibnu XX *sive* XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
    ix. Ibnu XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;

x. Ibnu XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
xi. Ibnu XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
xii. Bintu XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
xiii. Bintu XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
xiv. Bintu XX *sive* XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
xv. Bintu XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
xvi. Bintu XX XX f'sehem wieħed minn tmintax indiviż;
xvii. U dan kollu bis-sostituzzjoni volgari fil-każ ta' premorjenza ta' xi wieħed mill-eredi.

(viii) Illi l-esponenti qatt ma kienu f'kuntatt ma' dawn in-nies li preżumibilment illum huma mejtin stante li l-wirt iddevolva mas-sebgħin sena ilu u r-rikorrenti ma jafux x'sar mill-porzjon tiegħu tal-fond *de quo* u m'għandhom l-ebda kuntatt magħhom jew l-eredi tagħhom;

(ix) Illi permezz ta' testment datat XX, XX XX li issa kellha kwart (¼) u dodiċeżima ($^{1}/_{12}$) u b'kollox terz ($^{1}/_{3}$) tal-fond *de quo*, istitwiet lil oħtha XX XX bħala eredi tagħha;

(x) Illi Rosa Bonnici, permezz ta' testment tat-XX istitwiet lil oħtha XX XX bħala eredi universali tagħha kif jidher mit-testment anness u mmarkat bħala Dok. "J";

(xi) Illi barra minn hekk, XX XX kellha testment ieħor datat XX, li permezz tiegħu tat is-sehem tagħha mill-fond *de quo* b'legat lil XX XX, kif jidher mit-testment hawn anness u mmarkat bħala Dok. "K";

(xii) Illi XX XX iddisponiet bl-eredita' tagħha permezz ta' tliet testmenti. Permezz ta' testment datat XX(Dok. "L"), hija ħalliet b'legat dak li ġiet mogħtija mingħand XX XX lil ċertu XX XX. Illi madankollu, permezz ta' testmenti sussegwenti, wieħed datat XX (Dok. "M") u l-aħħar wieħed datat XX (Dok. "N") Carmela Sultana ħalliet il-legati kollha mingħand XX XX minflok XX XX;

(xiii) Illi l-imsemmija XX XX mietet nhar il-XX u dan kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat Dok. "O" u minn riċerki li saru fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) u mir-Reġistru Pubbliku (Dok. "P" u "Q" rispettivament) jidher li hija rregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' tliet testmenti pubbliċi;

(xiv) Illi permezz tal-aħħar testment tagħha u ċjoe testment fl-atti tan-Nutar Dottor XX XX datat XX, li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat Dok. "R", t-testatriċi rrevokat u annullat kwalsiasi disposizzjoni testamentarja li għamlet qabel l-imsemmi testment u nnominat u istitwixxiet lin-neputijiet tagħha XX, XX, XX u XX bħala eredi universali tagħha u dan f'porzjonijiet indaqs bejniethom;

(xv) Illi permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor XX XX datata XX, hawn annessa u mmarkata Dok. "S", ir-rikorrenti ddikjaraw u ppremettew li XX kellha fost l-oħrajn il-fond bin-

numri XX u XX (X/X) li jinsab kantuniera bejn Triq il-XX u Triq it-XX, XX, Għawdex bil-bitħa annessa u bl-arja sovrastanti, liberu u frank u bid-drttijiet u pertinenzi kollha tiegħu u l-kwota ta' sest ($^1/_6$) indiviż mill-fond XX (X) ġja numru XX (X) fi Triq il-XX, XX, Għawdex, bl-arja libera sovrastanti, liberu u frank u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu;

(xvi) Illi permezz ta' dikjarazzjoni korrettorja magħmulha fl-atti tan-Nutar Dottor XX XX datata XX, hawn annessa u mmarkata Dok. "T", ir-rikorrenti ddikjaraw li fil-verita' d-*decuius* XX XX kienet proprjetarja ta' żewġ kwoti minn tlieta ($^2/_3$) indiviżi mill-fond XX (X) ġja numru XX (X) fi Triq il-XX, XX, Għawdex, bl-arja libera sovrastanti, liberu u frank u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu;

(xvii) Illi għaldaqstant, in vista tat-testment suriferit l-esponenti lkoll flimkien huma proprjetarji ta' żewġ kwoti minn tlieta ($^2/_3$) indiviżi mill-fond XX (X) fi Triq il-XX, XX, Għawdex, bl-arja libera sovrastanti, liberu u frank u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu;

6. Illi a skans ta' kull ekwivoku qiegħed jiġi anness arblu ġeneoloġiku sabiex tiġi spjegata aħjar kif ippervjeniet l-eredita ta' XX XX (Dok. "U").

7. Illi l-proprjeta' mertu ta' dan ir-rikors ilha in komuni għal aktar minn tliet snin sa minn mewt XX XX u hija detenuta skont il-prospett anness u mmarkat Dok. "V";

8. Illi mill-prospett anness jirriżulta illi l-esponenti lkoll flimkien għandhom l-akbar għadd ta' ishma mill-komproprjetarji kollha tal-fond X fi Triq il-XX ġewwa XX. Inoltre, sa fejn jafu r-rikorrenti, ħadd mis-sidien ma beda azzjoni quddiem xi tribunal għall-qsim tal-fond numru X fi Triq il-XX ġewwa XX;

9. Illi permezz ta' konvenju magħmul bix-xhieda tan-Nutar XX XX datat XX (Dok. "W") li ġie mġedded b'konvenju ieħor datat XX (Dok. "X"), l-esponenti obbligaw ruħhom li jbiegħu, jassenjaw u jitrasferixxu l-fond numru XX fi Triq il-XX, XX lil XX XX (K.I. XX) versu l-prezz globali ta' €X;

10. Illi l-esponenti flimkien mal-kompratur XX waslu għal dan il-prezz wara valutazzjoni li ħejja l-Perit XX datata X, hawn annessa u mmarkata Dok. "Y" fejn sehem minn sitta tal-fond numru X, Triq il-XX ġewwa XX ġie stmat bħala €X u għalhekk il-prezz globali jiġi €X. Ġjaladarba l-valur ta' €X huwa veru, ġust u jirrifletti l-valur tal-proprjeta fis-suq fl-umli opinjoni tar-rikorrenti, u għalhekk l-intimati mhux ser ikunu preġudikati bil-bejgħ;

11. Illi in linea mal-Art. 495A tal- Kap.16, l-esponenti qiegħdin jannettu flimkien ma' dan ir-rikors dikjarazzjoni ġuramentata ta' Anthony Cutajar mmarkata bħala Dok. "Z";

Illi għar-ragunijiet fuq esposti l-esponenti huma kostretti jipproċedu bl-odjerna azzjoni li qed issir *ai termini* tal-Art. 495A tal-Kap. 16 sabiex ikun jista' jsir il-bejgħ tal-fond numru X, Triq il-XX, XX, Għawdex;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti prevja d-dikjarazzjonijet neċesarji u mpgħtija l-provvedimenti opportuni jogħġobha:

1. Tawtorizza l-bejgħ tal-fond bin-numru uffiċjali X fi Triq il-XX, XX, Għawdex u dan skont id-dispozizzjonijiet tal-konvenju datat XX magħmul bix-xhieda tan-Nutar XX XX u tal-estensjonijiet tal-konvenju li kien hemm u jista' jkun hemm *ai termini* tal-Art. 495A tal-Kap. 16;

2. Tistabbilixxi l-ħin, jum u post meta għandu jsir it-trasferiment;

3. Tinnomina lin-Nutar XX XX sabiex jippubblika l-att relattiv ta' trasferiment;

4. Tinnomina kuratur, possibilment lill-komproprjetarji stess sabiex jirrappreżentaw lis-sidien kollha mhux magħrufa fuq l-att tat-trasferiment quddiem in-nutar nominat għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment;

5. F'kaz li ma tintlaqax ir-raba' talba, tordna lill-kuraturi deputati appuntati fil-kawża odjerna sabiex jidhru u jirraprezentaw lill-eredi mhux maghrufa ta' XX *sive* XX għall-publikazzjoni tal-att ta' trasferiment fil-ħin, jum u post hekk stabbilit fit-tieni talba;

6. Tordna u tawtorizza lir-rikorrenti jew lill-kuraturi deputati appuntati sabiex jiddepożitaw is-somma rapprezentanti s-sehem proprjetà tal-eredi mhux maghrufa ta' FB taht l-awtorità tal-Onorabbli Qorti u dan wara li mis-sehem tal-istess intimati mhux magħrufa titħallas id-debita taxxa dovuta u l-ispejjeż relattivi għad-drittijiet u l-ispejjeż tal-Kuraturi Deputati appuntati;

Bl-ispejjeż ħlief hekk kif spjegati fis-sitt talba skont l-ishma rispettivi tal-partijiet;

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Marthese Grech

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Esponenti: 23, XXX, XXX

Notifiki: Kuraturi Deputati – Il-Qorti, Valletta

**Dok. V**

Prospett ta' komproprjetarji u tal-ishma ai termini tal-Art. 495A (2) tal-Kap. 12

| Kompropjetarji | Sehem | Valur tas-sehem abbazi tal-valur kumplessiv ta' €X |
|---|---|---|
| AC, CS u BD | $^{2}/_{3}$ | €X |
| Eredi mhux maghrufa ta' FB | $^{1}/_{3}$ | €X |
| Total | 1 | €X |

**Dok. Z**

**Dikjarazzjoni Ġuramentata tar-rikorrenti ai termini tal-Art. 495A (2) tal-Kap. 12**

**AC, iben AC u P nee'C, imwieled Tarxien nhar l-XXX, u residenti Fgura, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru XXXM jiddikjara u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:**

1. Illi permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor XX XX datat XX, XX XX rrevokat u annullat kwalsiasi disposizzjoni testamentarja li għamlet qabel l-imsemmi testment u nnominat u istitwixxiet lili u lil ħuti XX XX, XX XX u XX XX bħala eredi universali tagħha u dan f'porzjonijiet indaqs bejnietna;

2. Illi Carmela Sultana kienet proprjetarja ta' żewġ kwoti minn tlieta ($^{2}/_{3}$) indiviżi mill-fond XX (X) ġja numru XX (X) fi Triq il-XX, XX, Għawdex, bl-arja libera sovrastanti, liberu u frank u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu;

3. Illi minn riċerki li għamilna jien u n-Nutar u l-Avukat tiegħi sirna nafu li dan il-fond ġie għand XX XX bil-mod segwenti:

    a. Permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat XX fl-atti tan-Nutar XX XX, XX u XX konjuġi XX taw b'titlu ta' donazzjoni l-fond li dak iż-żmien kellu n-numru XX (X) fi Triq il-XX ġewwa XX lil binthom XX XX;
    b. Illi XX XX kellha ħamest ulied u waħda minnhom, ċjoe XX XX mietet qabilha u ċjoe fit-XX, filwaqt li XX XX mietet fit-XX;
    c. Illi permezz ta' testment datat XX, XX XX istitwiet lil uliedha XX, XX, XX, XX u XX *sive* XX bħala eredi universali tagħha. Peress li XX mietet qabel ommha, ħutha l-oħra wirtu kwart tal-eredita' t'ommhom;
    d. Illi XX XX miet intestat u ġuvni u għalhekk issuċċedewh ħutu XX, XX u XX u għalhekk f'dan il-punt kollha kemm huma kellhom terz indiviż ta' dan il-fond;
    e. Illi XX *sive* XX XX, li kwindi kellu terz tal-post, miet nhar id-XX u ħalla testament wieħed datat XX. Huwa istitwixxa f'porzjon ta' wieħed minn tmintax indiviż kull wieħed lill-martu u diversi uliedu bħala eredi universali tiegħu pero' jien u ħuti m'għandniex dettalji ta' x'sar mill-eredi ta' Francesco Bonnici u qatt ma konna f'kuntatt magħhom;
    f. Illi permezz ta' testment datat XX, XX XX li issa kellha kwart (¼) u dodiċeżima ($^{1}/_{12}$) u b'kollox terz ($^{1}/_{3}$) tal-fond *de quo*, istitwiet lil oħtha XX XX bħala eredi tagħha;
    g. Illi XX XX, permezz ta' testment tat-XX istitwiet lil oħtha XX XX bħala eredi universali;
    h. Illi barra minn hekk, XX XX kellha testment ieħor datat XX, li permezz tiegħu tat is-sehem tagħha mill-fond *de quo* b'legat lil XX XX (Dok. "M" mar-rikors promotur);

i. Illi XX XX iddisponiet bl-eredita' tagħha permezz ta' tliet testmenti bl-aħħar wieħed ikun dak tat-XX (Dok. "P") li permezz tiegħu XX XX tħalliet il-legati kollha mingħand XX XX;

j. Illi XX XX kellha testment datat XX, u nnominat u istitwixxiet lili u lil ħuti XX XX, XX XX u XX XX bħala eredi universali tagħha f'porzjonijiet indaqs bejnietna.

4. Illi jien u ħuti ddeċidejna li nbiegħu dan il-post u wera nteress fih is-Sur XX XX u għalhekk għamilna konvenju datat XX XX u li ġie mġedded fit-XX XX. Għall-istima tal-post ġie mqabbad il-Perit XX XX li ikkonkluda li l-fond jiswa' €X;

5. Nikkonferma li jien u ħuti kellna nipproċedu b'din il-proċedura għaliex ma nafux min huma l-kompropjetarji l-oħra;

6. Nghid li sa fejn naf jien, minn meta akkwistajna l-fond wara li mietet XX XX sal-lum ma saret l-ebda kawża bdejn il-komproprjetarji għad-diviżjoni tal-fond bin-numru XX fi Triq il-XX ġewwa XX;

7. Illi l-fatti hawn kollha dikjarati naf bihom personalment.

AC
K.I. XX